Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 2 ta' Mejju 2025**
**(OR. en)**

**8269/25**

**CDR 31**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| fi: | 2 ta' Mejju 2025 |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru, propost mill-Irlanda, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni |

1. Permezz ta' ittra datata d-19 ta' Frar 2025[1], is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni nnotifika lill-Kunsill bi tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sa Eileen LYNCH, membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, ġiet proposta għall-ħatra u maħtura.

2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi, jaħtar membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni.

[1] 6368/25.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sa Eileen LYNCH, il-Gvern tal-Irlanda ppropona[2] lis-Sa Bridin MURPHY, rappreżentanta ta' korp lokali li għandha mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Councillor of Wexford County Council* (Kunsilliera tal-Kunsill tal-Kontea ta' Wexford), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.

4. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 8267/25 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

---

[2] 8148/25.